MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-3 ta' April, 2001

Citazzjoni Numru. 1718/2000/1

**Mario u Marianne konjugi GALEA**

**vs**

**Emanuel FENECH**

**Il-Qorti,**

Dan huwa Degriet moghti bis-sahha u taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi saret talba, permezz ta' Rikors imressaq mis-Socjeta'-Micallef Insurance Agnecy Limited, bhala agent tas-Socjeta' assikuratrici estera Independent Insurance Company Limited fil-5 ta' Frar, 2001;

Illi l-imsemmi Rikors tressaq wara li din il-Qorti, fis-smigh tat-18 ta' Jannar, 2001, u wara li semghet il-provi u t-trattazzjoni halliet il-kawza ghas-sentenza;

Illi b'dak l-att, is-Socjeta' rikorrenti talbet li l-Qorti, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, tieqaf milli tibqa'miexja bl-ghoti tas-sentenza, thalliha tintervjeni *in statu et terminis* u thalliha tressaq Nota tal-Eccezzjonijiet u thalliha tressaq provi, taghmel kontro-esamijiet u sottomissjonijiet;

Illi l-imsemmi att, b'Degriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2001, gie notifikat lill-atturi;

Illi l-atturi, b'Risposta mressqa fl-20 ta' Frar, 2001, opponew ghat-talba tar-rikorrenti;

Illi, fil-kawza partikolari, u minn kif jidher fir-Rikors promotur, l-imharrek (assikurat mas-Socjeta' rikorrenti) baqa' kontumaci, u la ressaq Eccezzjonijiet ghall-azzjoni tal-atturi u lanqas qatt deher ghas-smigh tal-kawza;

Illi, wara li rat l-atti, inkluzi dawk tal-kawza, din il-Qorti ma ssibx li t-talba tas-Socjeta' rikorrenti hija misthoqqa u dan ghaliex:

a) it-talba biex tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*, jigifieri fil-waqt li waslet fih din il-kawza, ma jhallix lill-eventwali intervenjent li jaghmel prattikament wisq izjed milli jisma’ l-qari tas-sentenza;

b) illi, minhabba li l-imharrek baqa’ kontumaci,ma jidhirx lanqas li, skond l-iskorta ta’ ghadd ta’ decizjonijiet tal-Qrati taghna matul is-snin dwar dan il-punt, l-intervenjent jista’ jressaq Nota tal-Eccezzjonijiet jekk l-imharrek innifsu jaqa’ kontumaci;

c) fi kwalunkwe kaz, l-intervenjent fil-kawza, kemm jekk fuq naha attrici u kif ukoll fuq naha konvenuta, ma jista’ qatt ikun l-oggett tas-sentenza moghtija, la bhala rebbieh u lanqas bhala tellief: u

d) li n-nuqqasijiet lamentati fir-Rikors min-naha tal-imharrek jikkostitwixxu cirkostanza interna fir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn ir-rikorrenti u l-assikurat taghha li tmur lil hinn minn kull interess li jista’ jkollhom l-atturi. Kull interess li jista’ jkollha s-Socjeta’ rikorrenti, ghalkemm prattiku u dirett f’dak li jirrigwarda tali nuqqas fl-assikurat taghha, ma jikkostitwix l-interess guridiku li huwa mehtieg biex persuna tithalla tindahal f’kawza, u li twaqqaf l-andament taghha;

Ghalhekk, it-talba ghat-twaqqif tal-ghoti tas-sentenza u t-talbiet l-ohrajn kollha msemmija fir-Rikors qeghdin jigu michuda.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------